MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Numru 1058/2003

**Illum 11 ta' Marzu 2004**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent N Aquilina**
**Spettur D Theuma)**

**vs**

**Philip Abela**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Philip Abela ta' 37 sena iben il-missier mhux maghruf u Teresa Gauci nee` Abela, imwieled Pieta' nhar fl-24 ta' Gunju, 1966, u li joqghod numru 4 Triq il-Fortizza Mosta izda prezentament jirrisjedi gewwa l-Isptar Monte Carmeli u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 303466M.

Akkuzat:

1. talli fil-lokalita' ta' Hal-Balzan filghodu kkommetta serq ta' vettura mudell Volkswagen Transporter bin-numru tar-registrazzjoni DBB 659 ghad-detriment tas-sid Albert Borg ID: 20065M liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 (g) tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta rispettivament u li fl-istess lok hin u cirkostanzi xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt in kwistjoni fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat u jew ikkunsmat ai termini tal-Artikolu 42 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli fil-lokalita' ta' H'Attard iktar tard fl-istess gurnata kkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBB 627 mudell Toyota EGX 90 ghad-detriment tal-kumpanija Rite Mix Gatt Brothers Limited liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta rispettivament u li fl-istess lok hin u cirkostanzi xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt in kwistjoni fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat u jew ikkunsmat ai termini tal-Artikolu 42 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. talli fil-gurnata tas-16 ta' Dicembru, 2003 f'dawn il-gzejjer saq il-vetturi DBB 659 u IBB 627 bil-hsieb li jaghmel uzu temporanju taghhom, kemm jekk immexxija b'xi forza mekkanika jew b'kull mezz iehor ikun x'ikun, minghajr ma kellu l-kunsens tas-sid jew xi awtorizzazzjoni legittima ohra u jew b'xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat u jew ikkunsmat ai termini tal-Artikolu 42 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. talli fil-lokalita' ta' H'Attard wara nofsinhar fl-Isptar Monte Carmeli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car ikkaguna feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat Dr Maria Axiak MD fuq il-persuna ta' Anthony Borg ID 266658M liema persuna hija

pazjent fl-istess sptar u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) u 222 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. talli fil-lokalita' ta' H'Attard fl-Isptar Monte Carmeli kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied u m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PC 622, PC 742, PC 343, PC 432, u ta' PC 68 kollha perusna nkarigati minn servizz pubbliku u fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijiethom bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. aktar talli fil-lejl ta' bejn is-26 ta' Dicembru 2003 u s-27 ta' Dicembru, 2003 fil-lokalita' ta' H'Attard gewwa l-Isptar Monte Carmeli ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tan-nurse Joseph Caruana ID 230783M persuna inkarigata minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuq kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur tal-Artikolu 95 91) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. aktar talli fil-lejl ta' bejn is-26 ta' Dicembru, 2003 u s-27 ta' Dicembru, 2003 fil-lokalita' ta' H'Attard gewwa l-Isptar Monte Carmeli kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied u m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 1122, PC 891, PC 793 u PC 97 persuni nkarigati minn servizz pubbliku u fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li fil-waqt li rrinvija l-atti lil din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatur Kriminali kien tal-fehma illi mill-atti kompilati setghet tinstab htija jew htijiet fl-imputat u dana ai termini tal-Artikoli tal-Ligi minnu citati;

Rat li l-imputat m'oggezzjonax illi l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni huwa insista anke` wara li nghata zmien jikkunsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat huwa mixli bir-reat kontinwat ta’ serq aggravat bil-valur u n-natura tal-haga misruqa, bir-reat ta’ uzu temporanju ta’ zewg vetturi kontra l-volonta ta’sidhom u minghajr il-kunsens tal-istess; bir-reat li kkaguna feriti hfief; bl-offiza ta’ ingurija u theddid lill-ufficjal pubbliku.  Ukoll li ghamel dawn l-offizi waqt perjodi operattiv ta’ sentenza sospiza;

L-imputat fl-udjenza tal-lum ammetta l-akkuzi liema ammissjoni hi wahda volontarja u nkondizjonata;

Stante din l-ammissjoni l-Qorti sejra tghaddi direttament biex tirifleggi l-piena;

Wara li rat l-Artikolu 18, 261 (c) (g), 267, 271 (g), 280, 281, 221, 222, 338 (ee), 95, 49, 80, 28B u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 24 (1) tal-Kap 95 u rat l-fedina penali xejn edifikanti tieghu fil-waqt li qeghdha ssibu hati tal-offizi kollha mahruga kontra tieghu skond l-Artikoli tal-Avukat Generali tikkundannah disa’ (9) xhur prigunerija mill-liema ghandu jitnaqqas dak li l-imputat gja ghamel taht arrest preventiv;

Fil-konfront tal-akkuza li r-reati saru fil-perjodu ta’ sentenza sospiza qeghdha tuza d-deskrezzjoni taghha ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 u tordna li l-ordni ghas-sospensjoni ghandha tkun ghall-erba’ snin li jibdew jopperaw mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------